MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 730/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Michelle Schembri (KI Nru 431971M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici datat 03 ta' Novembru, 2014 fejn ippremettiet:

Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tnejn u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€662.51c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40141964).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-datat tal-prezentata ta' din il-kawza.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt Registru Elettorali

It-Tribunal ra r-risposta ta' Michelle Schembri datata 21ta' Novembru, 2014 fejn eccepixxiet:

Illi l-ammont mitlub mis-Socjeta' attrici mhux dovut stante li l-konvenuta ma kienitx qed tiehu s-servizz li s-Socjeta' attrici kienet obbligat ruhha li taghti lill-esponenti;

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Michelle Schembri;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra il-verbal tas-seduta tat-28 t'April, 2015 li bih il-kawza thalliet illum ghas-Sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din it talba hija ghal-pagament ta'servizzi ta' telekommunikazzjoni provduti lill-konvenuta. Illi il-konvenuta kkontestat dan ghaliex hi fil-fatt ma kinitx qed tiehu servizz minghand is-Socjeta' konvenuta.

Mill-provi jirrizulta illi s-servizzi gew provduti fis-snin 2005 sa 2009, skont prospett anness mal-avviz tat-talba (Ara fol 2 u 3 tal-process). Is-Socjeta' attrici ukollipprezentat il-ftehim ghas-servizz telefoniku iffirmat mill-istess konvenuta fis-sena 2003 f'Hal-Tarxien. Xehdet illi hallset l-ammonti dovuti lis-Socjeta' attrici *circa* tlett snin qabel pero` ma zammitx l-ircevuta ghaliex kienet marret tghix post iehor f'Birzebuggia. Iddikjarat ukoll illi marret toqghod f' Birzebuggia ghaliex kienet partet id-dar f'Hal Tarxien ma' dar f'Birzebbugia u ghalhekk kellha bilfors thallas il-pendenzi kollha. Il-konvenuta ddikjarat illi ilha toqghod Birzebuggia dawn l-ahhar erba' (4) snin u li applikat ghas-servizz tat-telefon imma dawn ma tawhiex telefon ghaliex qalulha li kellha kont pendenti.

It-Tribunal jinnota li, apparti d-dokumenti prezentati mal-Avviz, is-Socjeta' attrici ma resqitx rapprezentanti taghha biex jixhdu dwar l-ammont mitlub u biex jikkonfermaw illi l-istess ma thallasx u li ghadu dovut. Jinnota wkoll illi ma sarx kontro-ezami tal-konvenuta. It-Tribunal jhoss illi kien jinkombi fuq is-Socjeta' attrici li ggib provi li l-ammont mitlub huwa dovut u li baqa' ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jikkunsidra illi s-Socjeta' attrici ma gabitx il-provi necessarji in sostenn tat-talba taghha specjalment fid-dawl tax-xhieda u kontestazzjoni tal-konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jirrespingi t-talba attrici u tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-Socjeta' attrici.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------